MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Offset Press Limited
vs
AZ Ink Company Limited

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi s-socjeta` attrici pprestat servizz ta' stampar u servizzi relttivi, lis-socjeta` konvenuta.

Peress illi l-bilanc tal-prezz ghas-servizz rezi minnha lis-socjeta` konvenuta jammonta ghal sitt elef, sitt mija u tmienja u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm6,638.80).

Peress illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-imsemmija somma ta' sitt elef, sitt mija u

tmienja u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm6,638.80).

Peress illi ghalkemm interpellata sabiex tissalda dan id-debitu, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

Peress illi, dan id-debitu tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-socjeta` attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif l-istess socjeta` attrici kkonfermat fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni, u fil-fehma tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta’ sitt elef, sitt mija u tmienja u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm6,638.80).

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni a bazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-interessi legali mid-data ta’ meta gie rez is-servizz, u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru datat 24 ta’ Frar 2003 u tal-ittra ufficjali relativa, kontra s-socjeta` konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat illi fl-14 ta’ Mejju 2003 s-socjeta` intimata pprezentat nota ta’ ammissjoni u ghalhekk ammettiet it-talba.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta’ sitt elef, sitt mija u tmienja u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm6,638.80).

Bl-interessi legali mid-data ta’ meta gie rez is-servizz, u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru datat 24 ta’ Frar 2003 u tal-ittra ufficjali relativa, kontra s-socjeta` konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------